**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 10 ta' Ottubru 2016**

Numru 1

**Referenza Kostituzzjonali Nru. 51/2013**

**Josette Bugeja**

**vs**

**Citadel Insurance Plc, Joseph Fenech, u**
**b'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-26 ta' Gunju 2015**
**gie kjamat fil-kawza l-Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-referenza kostituzzjonali tal-25 ta' Gunju 2013 mibghuta lil din il-Qorti kif preseduta wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-26 ta' Gunju 2015 li baghtet l-atti lura lil din il-Qorti wara li annullat is-sentenza tal-ewwel istanza peress illi ma kienx imdahhal l-Avukat Generali f'dawn il-proceduri ta' referenza.

Kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali l-fatti li taw lok ghal din ir-referenza huma s-segwenti:

> Il-proceduri odjerni originaw fuq talba maghmula mir-rikorrenti fil-kawza numru 3/2009 fl-ismijiet premessi sabiex issir riferenza kostituzzjonali peress li, skont hi, in-notifika maghmula lilha permezz tal-

pubblikazzjoni skont l-Artikolu 20[2] tal-Avviz Legali 421/04 illediet id-dritt taghha ghal smigh xieraq skont l-Artikolu 39[2] tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6[1] tal-Ewwel Skeda tal-Kap.319.

Fl-udjenza tal-25 ta' Gunju 2013 l-imsemmija Qorti tal-Magistrati laqghet it-talba sabiex issir ir-riferenza fit-termini segwenti:
"Il-Qorti, b'referenza ghar-rikors tal-attrici tal-10 ta' April 2013, in vista tad-depozizzjoni tar-rapprezentanti tac-Centru Malti ghall-Arbitragg tal-5 ta' Frar 2013, u peress li jista' jaghti kaz li l-mod kif jigu notifikati l-atti lill-persuna li tkun giet imharrka biex tirrispondi ghall-kawza quddiem ic-Centru tal-Arbitragg jista' jaghti lok ghal nuqqas ta' smigh xieraq in vista tal-fatt li tali persuna mhux necessarjament tkun saret taf bil-kawza permezz ta' notifika li tkun saret f'wahda mill-gazzetti lokali u dan sabiex tigbor l-atti tal-kawza li tkun infethet kontra taghha; billi ghalhekk jista' jaghti lok illi tali mezz ta' notifika jista' jivvjola l-art.39[2] tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll l-art. 6 sub inciz 1 tal-ewwel skeda tal-Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta; taghmel referenza kostituzzjonali lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili sabiex din tiddeciedi dwar il-kwistjoni jekk in-notifika ta' l-atti ta' kawza li tkun giet prezentata quddiem ic-Centru tal-Arbitragg lill-kontroparti permezz ta' pubblikazzjoni f'gazzetta lokali tivvjolax [l-imsemmija artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali]."

Il-Fatti
Fil-qosor il-fatti relevanti huma dawn. Fit-18 ta' Novembru 2006 waqt li r-rikorrenti kienet qed issuq il-vettura taghha numru KPL 827 kellha incident awtomobilistiku mal-vettura bin-numru PIO 166. Sussegwentement inbdew proceduri quddiem it-Tribunal [Arbitragg numru 1157/2007] da parti tal-intimati Citadel Insurance plc u Joseph Fenech kontra r-rikorrenti Josette Bugeja, liema proceduri gew konkluzi b'decizjoni tas-17 ta' Mejju 2008 li biha l-istess Josette Bugeja kienet instabet unikament responsabbli ghall-incident.

Fit-12 ta' Jannar 2009 ir-rikorrenti istitwiet proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati fejn fis-sustanza talbet li l-proceduri quddiem it-Tribunal jigu dikjarati nulli u bla effett peress li hi "qatt ma [kienet] giet notifikata validament" bl-istess proceduri, kemm ghax kienet biddlet l-indirizz residenzjali taghha (rizultat ta' inkwiet matrimonjali u ghalhekk in-notifiki kienu marru fl-indirizz hazin, kif ukoll ghax fin-notifika pubblikata ma kienx fiha dettalji sufficjenti dwar il-proceduri istitwiti kontra taghha quddiem it-Tribunal, senjatament iz-zewg notifiki "ma jaghtux deskrizzjoni tat-talba fil-konfront [taghha] u lanqas jaghtu d-data tal-appuntament li jmiss". Ir-rikorrenti ssostni li hi kienet saret taf b'dawn il-proceduri wara li kienet irceviet ittra datata 3 ta' Novembru 2008 mibghuta minn Citadel Insurance. Ghalhekk issostni li l-lodo ma jaghmilx stat fil-konfront taghha u l-proceduri quddiem it-Tribunal huma nulli.

Jirrizulta mill-provi illi r-rikorrenti kienet biddlet l-indirizz taghha fit-8 ta' Marzu 2007 u l-arbitragg inbeda fit-12 ta' April 2007. Jirrizulta wkoll, ghax mhix

kontradett illi r-rikorrenti ma avzatx b'dan il-bdil nonostante li kienet taf li hemm pendenza konnessa mal-incident awtomobolistiku.

**Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-vertenza quddiem din il-Qorti hi wahda semplici cioe jekk il-mod ta' kif issir in-notifika ta' parti quddiem ic-Centru tal-Arbitragg hix lesiva tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea cioe d-dritt ta' smigh xieraq. Tali lanjanza hi diretta lejn l-artikolu 20(2) tal-Avviz Legali 420/2004 li jghid hekk:

> "(2) Meta l-ittra registrata ma tigix accettata jew ma tkunx tista' xort'ohra tintbaghat f'dak l-indirizz ghal xi raguni li tkun, ir-Registratur jista' jippubblika avviz f'gurnal lokali ta' kuljum li fih jiddikjara li d-dokument li ghandha ssir il-kunsinna tieghu jkun gie depozitat fir-Registru u li dak id-dokument ghandu jitqies bhal li jkun gie ricevut mill-persuna indikata fl-avviz hamest ijiem tax-xoghol wara d-data meta jkun gie pubblikat dak l-avviz."

Kif qalet l-istess Qorti Kostituzzjonali:

> Fi kliem iehor, dak li qed jigi attakkat huwa l-kostituzzjonalita` tal-Artikolu 20[2], inkwantu li din il-ligi tista' tkun leziva tad-dritt ghal smigh xieraq f'kazijiet fejn persuna intimata fi proceduri quddiem it-Tribunal, ghalkemm legalment notifikata bil-mezz tal-pubblikzzjoni skont l-imsemmi subinciz, verament ma tkunx taf bil-proceduri istitwiti kontra taghha, bir-rizultat li tinghata decizjoni minghajr ma l-intimata kienet fil-pozizzjoni li tiddefendi ruhha f'dawk il-proceduri.

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li ntqal fil-kaz **Nunes Diaz vs Portugal** (10/04/2003) fejn intqal hekk:

> In the present case, the applicant did not have an opportunity to take part effectively in the main proceedings, in which he was ordered to pay damages. In accordance with the domestic legislation concerning summonses to appear, the court decided to summon the applicant by means of public notice so that the proceedings could be pursued.
>
> In that connection, the Court points out that the rules relating to the procedures and time-limits to be observed in bringing proceedings are designed to ensure the proper administration of justice and compliance, in particular, with the principle of legal certainty (see Cañete de Goñi, cited above, § 36).
>
> The rules on summonses to appear which were applied in the present case are specifically designed to ensure the proper administration of

> justice. As the Constitutional Court pointed out, it is necessary to find a balance between the different interests concerned. To extend proceedings indefinitely in order to trace the address of one of the persons involved might prove to be incompatible with the principle of legal certainty and the proper administration of justice. The right of access to a court does not therefore prevent the Contracting States from making provision in their legislation for a procedure to apply in a situation of this type, provided that the rights of those concerned are properly protected.
>
> The Court considers, in the light of the circumstances of the case and the applicable rules, that this was the situation in the present case. The District court ordered the summonses by public notice only when it was satisfied, after making enquiries of the police, that the applicant's address could not be found.
>
> Furthermore, defendants in the same situation as the applicant are not totally without remedies against such decisions. Firstly, Article 771 (f) of the Code of Civil Procedure provides for the possibility of challenging the validity of a summons by public notice even if, in the present case, the applicant was unable to avail himself of this possibility since the five-year period fixed by Article 772 § 2 of the same Code had expired. Secondly, the applicant was able to challenge the validity of a summons by public notice in the enforcement proceedings which followed the main proceedings. He was thus able to submit arguments to the effect that that type of summonses should not have been ordered, albeit unsuccessfully. The domestic courts found that the validity of a summons by public notice was unaffected by the grounds put forward by the applicant. In this regard, the Court reiterates that it is primarily for the national courts to interpret the rules concerning procedure. In the instant case, the national courts' interpretation was neither arbitrary nor unreasonable.

Fl-istess sens inghad fil-kaz **Babyudze vs Russia** (Kaz 3040/03) fejn il-Qorti Ewropea qalet illi l-artikolu 6 ma jipprovdi ghal ebda forma specifika ta' notifika ta' dokumenti jew tahrikiet. Il-kwistjoni hi jekk il-persuna gietx imcahda mid-dritt ghal smigh xieraq.

F'dan il-kaz il-ligi tal-Arbitragg tipprovdi mezz ta' notifika li hi differenti minn dik provduta fil-ligi generali fil-Kapitolu 12 cioe fejn il-ligi generali tipprovdi ghal affissjoni u pubblikazzjoni ta' estratt tal-proceduri li qed jittiehdu kontra l-persuna li jehtieg tigi notifikata. Fil-ligi dwar l-Arbitragg, il-ligi tipprovdi ghal notifika permezz ta' posta registrata fl-indirizz maghruf tal-persuna li ghandha tigi notifikata. F'kaz li n-notifika tkun fin-negattiv, allura il-ligi tipprovdi ghal avviz f'gazzetta lokali fejn il-persuna li jehtieg tigi notifikata hi infurmata li gie

prezentat avviz ta' arbitragg fic-centru tal-Arbitragg u fi zmien hamest ijiem mindu jidher l-avviz fil-gazzetta, dik il-persuna titqies notifikata. F'dan l-avviz fil-gazzetta jissemma l-isem tal-persuna li jehtieg tigi notifikata u l-ahhar indirizz maghruf. Dan l-avviz fil-kaz specifiku jirrizulta a fol. 11 tal-inkartament tal-process civili quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

Ir-rikorrenti tikkontendi illi tali forma ta' notifika tilledi d-dritt taghha li jkollha l-possibilta li tiddefendi ruhha peress illi l-istess avviz fil-gazzetta ma jindika ebda dettalji tal-kaz jew li hu obbligat jigbor id-dokumenti li hemm fic-Centru. In oltre r-rikorrenti li ma tafx taqra zgur ma tistax titqies notifikata b'semplici avviz f'gazzetta li hemm dokumenti li jistghu jingabru mic-Centru tal-Arbitragg. B'zieda ma' dan fil-Kap. 12 il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u ohra lokali hi akkumpanjata minn affissjoni mhux biss fir-residenza maghrufa izda wkoll fl-Ghassa tal-Pulizija u l-Kunsill Lokali. Dan kollu jkun fih id-dettalji tal-kaz bid-data u hin tas-seduta li hu nieqes fil-procedura ta' notifika fic-Centru tal-Arbitragg. B'hekk huma mxekkla d-dritt li persuna jkun notifikat kif imiss.

Il-Qorti ma tqis li l-argumenti tar-rikorrenti jwasslu ghal xi ksur tad-dritt taghha li tiddefendi ruhha kif imiss. Fl-ewwel lok ghalkemm hu minnu illi l-avviz fil-gazzetta ma jispecifikax in-natura tal-vertenza pero jidher car li ttiehdu proceduri permezz ta' arbitragg li fiha hi involuta l-istess rikorrenti indikata b'isimha u l-ahhar indirizz maghruf. L-avviz qed jistieden lill-istess rikorrenti tirrikorri fi zmien hamest ijiem fic-Centru biex tigbor id-dokumenti u wara l-hames jum titqies notifikata u b'hekk jidhlu in vigore r-regoli procedurali konnessi ma' proceduri ta' arbitragg. Il-hamest ijiem zmien huma preavviz sufficjenti biex persuna tigbor l-inkartament relattiv ghal vertenza. Il-fatt li l-avviz fil-gazzetta ma jindikax in-natura ezatta tal-vertenza ma tbiddel xejn mid-dritt tar-rikorrenti li ssir taf id-dettalji kollha meta tigbor l-inkartament u tkun tista' tirregola ruhha, bla ebda pregudizzju rekat. Il-fatt li r-rikorrenti tista' tkun taf taqra o meno ma hux rilevanti ghax ghandha l-obbligu u l-mezz normali biex issaqsi lil min jista' jispjegalha l-kontenut tal-vertenza darba li tigbor l-inkartament (ara **Buhagiar vs Malta**, Application 48509/99). Ghalkemm l-avviz

fil-gazzetta ma jimponix obbligu fuq ir-rikorrenti ma jbiddel xejn mill-fatt li l-istess avviz jindika li hemm proceduri ta' arbitragg li fihom ir-rikorrenti ghandha interess u ghalhekk jinkombi fuqha li tiehu l-inizjattiva u tigbor id-dokumenti biex tirregola ruhha u tkun f'pozizzjoni tiddefendi ruhha kif imiss. Hu minnu illi l-porcedura ta' notifika skond l-artikolu 187 tal-Kap. 12 hi aktar dettaljata u mifruxa minn dik stabbilita f'kaz ta' arbitragg pero dan wahdu ma jirrendix il-procedura ta' notifika addottata fil-ligi tal-arbitragg bhala lesiva tad-drittijiet tar-rikorrenti. Il-procedura ta' notifika ta' arbitragg taghti l-fakolta biex persuna tkun fil-possibilta li taghraf x'passi qed jittiehdu kontriha u tiddefendi ruhha. In-notifika normali ssir bil-posta registrata. Hekk sehh f'dan il-kaz u r-riferta harget 'unclaimed'. Ir-rikorrenti telqet mill-ahhar indirizz maghruf ftit qabel in-notifika minhabba problemi matrimonjali. Kien jinkombi fuqha, anki jekk mhux f'kaz ta' kwistjonijiet gudizjarji, li taghmel mezz biex il-posta taghha tigi spedita fl-indirizz il-gdid u dan seta' jintlahaq b'semplici 'redirection of mail' permezz tas-sistema li tezisti fis-servizzi postali. Il-ligi tal-arbitragg f'kaz ta' ezitu negattiv tan-notifika bil-posta tahseb ghal pubblikazzjoni f'gazzetta lokali tal-fatt li tezisti vertenza li fiha r-rikorrenti ghandha interess. Fil-fehma tal-Qorti dan il-mezz hu pubbliku bizzejjed biex ir-rikorrenti ikollha hjiel tal-proceduri kontriha. Jekk hi ma haditx hsieb meta telqet mill-ahhar indirizz maghruf biex tkun tista' tigi notifikata fl-indirizz il-gdid ma tistax imbaghad tistrih fuq is-sottomissjoni illi l-mezzi ta' notifika provduta fil-ligi mhix idoneji mad-dritt ta' smigh xieraq. Il-mezz ta' notifika provdut mill-ligi, fil-fehma tal-Qorti hu ragonevoli u r-rikorrenti naqset li tiehu hsieb tikkawtela l-interessi taghha ghal notifika u kwalsiasi dokument postali, meta telqet mill-ahhar indirizz maghruf bla ma hadet hsieb li tuza l-mezzi provduti mis-servizz postali biex tircievi l-posta taghha.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet, u b'risposta ghar-referenza mibghuta mill-Qorti tal-Migistrati, il-Qorti tqis illi n-notifika tal-atti skond l-Avviz Legali 420/2004 ma hix lesiva tad-dritt tar-rikorrenti a bazi tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319, u qed tirrinvija l-atti lura lil Qorti tal-Magistrati

(Ghawdex) Superjuri – Gurisdizzjoni Generali biex il-kawza titkompla skond kif kunsidrat u deciz u kopja ta' din id-decizjoni tigi inserita fl-istess atti.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur